MDINA

# Minuti tal-laqgha numru 38 tas-sitt Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 09 ta' Awwissu 2012 |
| HIN | 2.30pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Fredrick Azzopardi | FA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Seg Ezekuttiv | Paul Spiteri | PS | Prezenti |

38.1 Il-Minuti tal-laqgha numru 37 gew approvati kif moqrija wara li ma kienx hemm korrezzjoni.

38.2 Arising Out

38.2.1 Il-perit tal-Kunsill kien ghadu jitkellem mal-MEPA dwar x'permessi hemm bzon dwar il-parkegg il-gdid ta' taht it-Tomba;

38.2.2 Dwar it-talba tal-Comune ta' Lecce sabiex nidhlu shab fi progett dwar l-Isport , din twaqqfet ghaliex riedu li l-Kunsill jikkometti s-somma ta' Euro10,000;

38.3 Korrispondenza batch 58 u 59

38.3.1 Kellna talba mil-kumpanija Global Air sabiex tigi iddoqq Banda ta' Swing gewwa l-Imdina fit-30 ta' Ottubru. Din it-talba giet milqugha;

38.3.2 Kellna talba minghand l-AKL sabiex nidhlu membri f'ghaqdaTaljana, Borghi piu Belli. Il-hlas tal membership fee kinet ta' Euro400. Din it-talba giet michuda;

38.3.3 Kellna talba minghand Sir Leslie Angell , kummissarju ghal-Kummissjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' Nazzjonijiet Uniti sabiex il-Kummissjoni tieghu tibda tuza l-indirizz tal-Kunsill ghal korrispondenza. Din it-talba giet milqugha;

38.3.4 Korrispondenza mil-MUESEC dwar age-friendly environment awards. Qbilna li nippartecipaw;

38.3.5 Kellna talba minghand is-Sur Pace sabiex jaghmel tour b'numru ta' Segways gewwa l-Imdina. Il-kunsill qabel li din it-talba ghandha tigi rifjutata;

38.3.6 Kien hemm talba minghand is-Sur Joe Meli ghal permess ghal-access bil-vettura . Din it-talba giet milqugha

38.3.7 Kien hemm talba minghand is-Sur Caruana sabiex jinhariglu permess sabiex jaccessa l-Imdina bil vettura. Kien ser jinhariglu permess ghal gimgha biss;

38.3.8 Kellna talba sabiex isir gbid ta' film fi pjazza Mesquita. Kien hemm qbil li jinhareg permess b'diversi kundizzjonijite fosthom li l-pjazza tibqa miftuha ghal publiku u li l-gbid isir qabel it-tmienja ta' filghaxija.

38.4 Ghoti tal-Kuntratt tat-tindief tat-Toroq u skart goff

38.4.1 PS informa lil Kunsill li mit- tliet offerti mitfugha, tnejn ma kienux kompluti u ghalhekk gew skwalifikati. Dan anke wara parir tal-Avukat tal-Kunsill.

38.4.2 Kien ghalhekk baqa offerta wahda, dik ta' Charles u Joseph Gauci, li awtomatikament ghandhom jinghataw il-Kuntratt. Pero il-Kunsill qabel li jingabru dettalji ta' kemm inghata xoghol lil Gauci matul 2011 u nippruvaw naghmlu kuntratt b'rati orhos min dawk offruti. Id-decizzjoni thalliet ghal-laqgha ohra filwaqt li nestendu il-kuntratt attwali b'xahar iehor.

38.5 Offerti ghal BBQ u ghazla tal-Caterers

38.5.1 Konna ircevejna 4 kwotazzjoniiet minghand Caterers differenti. Wara diskussjoni u diversi kunsiderazzjonijiet kien hemm decizzjoni li naghzlu lil Catermax. Il-Prezz kien ta' Euro 25 kull persuna.

38.5.2 Il-Kunsill qabel li ma nohorgux biljetti b'xejn u l-Kunsilliera ukoll ihallsu ghal-biljett taghhom. Biljeti li jinghataw b'xejn min naha tal-Caterers jintuzaw ghal l-istaff tal-Kunsill ;

38.6 Affarijiet ohra meqjusa urgent

38.6.1 Kienet saret laqgha mad-diretturi tal Edward Debono Foundation u kien hemm qbil li dawn jkunu jistghu juzaw il-Kunsill gahl xi attiviat' taghhom kif ukoll bhala indirizz postal;

38.6.2 Fuq il-kwistjoni tal-karozzini , specjalment ir-rotta gewwa l-Imdina kienet ser isir laqgha mas-CEO ta' Trasport Malta;

38.7.3 Il-Bord tal-Governanza tad-DLG kein qieghed jinvestiga ilment li ntbaghat mis-Sur Alex Micallef dwar hrug ta' permess ghal-Access bil-vettura. Kienet intbaghatet ittra fejn gew spjegati r-ragunijiet ghaliex dan il-permess ma nharigtx.

38.7.4 PS informa lil Kunsill , li kienet saret claim mal-Assigurazzjoni tal-Kunsill dwar l-att Vandalu li kien sar fuq iz-zewg Play equipment fil-Playingfield li kienu gew installatai sena ilu. L-assigurazzjoni kellhom jiddecidu jekk insewhux dawn jew inkell nibdlu kompletament.

38.8 Gew approvati il-pagamenti skond l-iskeda numru 8/12

Wara li ma kienx hemm affarijiet ohra l-laqgha giet aggornata fil-5.00pm sine die.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Paul Spiteri |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |